# 1923-1924

## Bidu diffiċli f'Ħaż-Żabbar

Ħi ġrajja għażiża għall-fundatur meta jasal biex jiftaħ dar ġdida. Ir-raba' dar ta' l-Orsolini kellha tkun l-aħħar waħda ta' ħajtu, u bdiet f'ċirkustanzi differenti minn ta' l-oħrajn.

Dun Franġisk Xeberras, qassis għaref, għalliem tar-reliġjon fil-liċeo, u iżjed tard, professur tal-latin fl-Universita`, kien ħabib ta' Dun Sidor. Imma, fi xjuħitu, Dun Franġisk kellu problema. Kellu tliet ħutu xebbiet kbar fl-eta` , li ma kienx se jkollhom min jieħu ħsiebhom wara mewtu. Il-proposta tiegħu lil Dun Sidor kienet li wara l-mewt tiegħu, l-Orsolini jieħdu f'idejhom id-dar li hu kellu f'162 Strada Rjali, u jintrabtu wkoll li jieħdu ħsieb ħutu. Imbagħad, wara l-mewt ta' ħutu, id-dar issir ta' l-Orsolini. Imma Dun Franġisk ma ttrattax il-każ biżżejjed ma' ħutu, li kienu se jibbenefikaw minn dan il-ftehim. Dun Sidor ressaq il-proposta quddiem l-Orsolini, u dawn laqgħuha bil-ferħ għax kien se jkun pass ieħor 'il quddiem għall-kongregazzjoni. Il-professur Dun Franġisk Xeberras miet matul il-lejl tat-2 ta' Marzu, 1923. L-ewwel pass, min-naħa ta' l-Orsolini, kien li javviċinaw lil dawk it-tlitt ixjuħ, li kien jisimhom Marija Tereża, Karmena, u Grezz. Marret il-Madre Ġenerali nnifisha li kienet Madre Margerita, flimkien ma' soru oħra. Għall-ewwel, lanqas biss ma fethulhom. Imma, imbagħad, daħħluhom u qagħdu jitkellmu. Ix-xewqa ta' dawk ix-xjuħ kienet li l-post jingħata lis-Salesjani; imma dawn ma kellhomx jaċċetaw lanqas il-bini li offrewlhom fil-qrib. Żmien qasir wara, it-tlitt ixjuħ innifishom bagħtu għall-Orsolini. Dawn daħlu uffiċjalment f'dik id-dar fis-sena 1923. Il-bidu kien diffiċli ħafna. Il-karozzi kienu jaslu sa Bormla, u minn hemm imbagħad kienu jġorru huma stess il-bżonnijiet tagħhom għad-dar. Imma batew l-iżjed minħabba l-karattru diffiċli ta' dawk ix-xjuħ. Waħda minnhom baqgħet tħossha mqarrsa talli s-sorijiet daħlulha f'darha (1).

Billi, fl-ewwel snin, is-sorijiet kienu ftit f'Ħaż-Żabbar, ma ġiet nominata l-ebda superjura għad-dar kemm dam ħaj Dun Sidor. L-ewwel żewġ sorijiet li ntbagħtu kienu Mikelina Zammit u Loreta Casolani (2). Barra minn hekk, biex inkunu eżatt, Dun Sidor baqa' jżomm lil dawk in-nisa bħala l-proprjetarji tad-dar, anki f'xi supplika li għamel favur l-Orsolini. Meta, fil-kappella privata tad-dar, is-sorijiet xtaqu li jitqiegħdu l-istazzjonijiet tal-Via Sagra, Dun Sidor, fil-11 ta' Marzu, 1924, ressaq is-supplika f'isem "ix-xbejbiet Xeberras, aħwa tal-mejjet Professur Dun Franġisk, minn Ħaż-Żabbar" (3).

Il-każ kien differenti meta kienet se tibda l-ħidma tas-sorijiet Orsolini, skond il-kariżma tagħhom. Fil-21 ta' Lulju, 1924, Madre Margerita Camilleri, bħala Superjura Maġġuri (kif kienet tissejjaħ f'dak iż-żmien), għamlet supplika lill-Arċisqof Mawru Caruana biex tibda l-ħidma f'Ħaż-Żabbar. Din is-supplika hi mportanti ħafna għaliex, fil-fatt, hi r-rikors uffiċjali biex id-dar ta' Ħaż-Żabbar tinfetaħ. Id-dħul taż-żewġ sorijiet fiż-żmien ta' qabel kien għadu privat. Madre Margerita fissret ir-raġuni għaliex dik id-dar inħasset bżonnjuża. Ħafna bniet, ulied il-poplu, kienu nieqsa mit-tagħlim nisrani. Dawn ma kienux qed imorru l-knisja mat-tfal l-oħra għax kienu foqra ħafna u libsin ħażin. Barra minn hekk, ħafna nisa ma setgħux imorru jaħdmu 'l barra minn darhom, u lanqas ma setgħu jmorru l-Belt biex ibiegħu l-frott ta' l-egħlieqi, għax ma kellhomx fejn iħallu 'l uliedhom. Il-Kappillan u l-poplu kienu xewqana li l-Orsolini jidħlu fosthom, biex jgħinu f'dawn il-problemi. Għalhekk, is-superjura ta' l-Orsolini xtaqet li l-Arċisqof ibierek dan iċ-ċentru ġdid tagħhom u l-opri li setgħu jintefgħu għalihom. Ir-rikors ġie ffirmat ukoll minn Dun Sidor Formosa, bħala rettur ta' l-Orsolini. Fl-istess ġurnata li nkiteb ġie ppreżentat fil-kurja ta' l-Arċisqof. Fid-9 ta' Awissu, is-superjura weġbitu li kellhom f'idejhom bla ebda ħlas id-dar ta' l-aħwa Xeberras. L-għajxien kien se jiġihom minn dak li tipprovdilhom il-Casa Madre. Fis-27 ta' Awissu, 1924, l-Arċisqof Caruana tahom dak li riedu tliet snin (4). Imma, imbagħad, tħallew b'mod permanenti.

Mogħnija bil-permess ta' l-Arċisqof, fl-4 ta' Diċembru, 1924, Madre Margerita għamlet rikors fil-ministeru ta' l-istruzzjoni pubblika biex f'dik id-dar l-Orsolini jkunu jistgħu jiftħu creche. Fis-16 ta' Jannar, 1925, hi kellha tweġiba pożittiva, bi ftit kondizzjonijiet, ħalli d-dar tkun adatta. Imbagħad, il-ħsieb inbidel, u l-ħidma ta' creche f'Ħaż-Żabbar ma saritx (5).

Sar pass ieħor 'il quddiem. Kienet meħtieġa soru li tagħmilha ta' superjura. Minħabba ċ-ċokon tal-komunita` ma ssejħitx superjura, imma vigarja. Fil-konsulta tas-16 ta' Frar, 1925, ġie proposta Sor M. Loreta Casolani. Fl-24 ta' Marzu, Dun Sidor, bħala rettur, ressaq isimha għall-approvazzjoni ta' l-Arċisqof. Fit-28 ta' Marzu, Mons. Lwiġi Attard, f'isem l-Arċisqof, ħareġ l-approvazzjoni għaliha (6).

Id-dar ta' Ħaż-Żabbar bdiet tagħti l-frott tagħha. It-tfal bdew jiġu aċċettati għad-duttrina u għal tagħlim ieħor. L-iskola kienet għal subien u bniet. Wara l-iskola, bdew jagħtu lezzjonijiet tal-bizzilla, taċ-ċombini u tar-rakkmu għall-bniet. Sa nofs l-1925, is-sorijiet kienu erbgħa. Mat-tnejn tal-bidu żdiedu Sor Karmela Vella u Sor Anjeże Grech. F'xi bżonn, kienu jintbagħtu oħrajn ukoll. Għalhekk, Madre Margerita għamlet supplika biex ikunu jistgħu jżommu s-sagrament fil-kappella. Fil-11 ta' Lulju, 1925, qalgħu l-permess mixtieq (7).

Malli beda t-tagħlim ta' l-iskola, sor Katarina Bonnici ntbagħtet f'Ħaż-Żabbar. Sal-bidu tal-1927, is-sorijiet kienu ħamsa. Kienet meħtieġa soru oħra biex il-komunita` jkollha dritt ta' superjura, skond il-liġijiet ta' dak iż-żmien. Fil-bidu tal-1929, is-sorijiet urew ma' l-Arċisqof li xtaqu li d-dar ikollha superjura(8). Meta, fl-14 a' Lulju 1929, tħabbru s-superjuri, minflok vigarja, dik ta' Ħaż-Żabbar issejħet 'agente': tagħmilha ta' superjura. Din kienet sor Franġiska Azzopardi (9). L-ewwel superjura li kellha tiġi magħżula waqt kapitlu ġenerali kienet Sor Loreta Casolani. Dan kien fis-27 ta' Settembru, 1931: meta l-fundatur ma kienx għadu ħaj (10).

Dan kollu jagħtina stampa ċara tal-bidu tal-ħidma f'Ħaż-Żabbar. Fost it-tfal ta' l-ewwel żmien, kien hemm Agata Barbara, li 'l quddiem kellha tkun Ministru responsabbli għas-servizzi soċjali fi gvern laburista u, iżjed tard President tar-Repubblika ta' Malta. Nieħdu silta minn stqarrija tagħha magħmula lil żewġ sorijiet Orsolini anzjani fil-kunvent tar-Rabat. Hi wasslet xi esperjenzi sbieħ tagħha meta kienet għadha fl-eta` ċkejkna ta' bejn tliet snin u ħames snin. Hi qaltilhom: *"Kelli tliet snin meta ommi daħħlitni fl-iskola tan-nuna għand is-sorijiet Orsolini ta' Ħaż-Żabbar. Kont tifla fuq ruħi, niżfen u nkanta. Is-sorijiet kienu ndunaw bil-karattru tiegħi. Kienu kuntenti bija għax jarawni attenta u rrid nitgħallem. Niftakar li kien hemm qassis li sikwit kien iżur lil dawn is-sorijiet; miskin ma tantx kien jara! Darba, dawn is-sorijiet għamlulu festa; minn xi xhur qabel, bdew jippreparaw lit-tfal biex jirreċtaw. Lili għażluni biex ngħidlu poeżija bit-taljan u nagħmel ukoll il-mima. Kont offrejtlu wkoll bukketti fjuri. Kemm kien jidher kuntent imdawwar bit-tfal żgħar! Dak iż-żmien, kien hawn ħafna faqar; madankollu, ommi għamlitli libsa għall-okkażjoni; wara l-festa, ħaditni għand tar-ritratti biex ikollha ritratt bħala tifkira. L-edukazzjoni tiegħi kellha l-bidu tagħha għand is-sorijiet Orsolini; kont immur bil-qalb għandhom, u kont kuntenta ħafna. Minn hemm bdiet il-formazzjoni ta' ħajti. Dawk is-snin keinu ta' inkoraġġiment għall-futur tiegħi. Bqajt miġbuda ħafna lejhom, u ġewwa fija, nissluli sens ta' mħabba lejn id-djar ta' l-orfni u l-batuti. Kont ippreparata tajjeb mis-sorijiet kemm domt immur għandhom. L-eżempju ta' dak il-qassis, li llum sirt naf li kien Mons. Sidor Formosa, nissel fija mħabba lejn it-tfal fl-istituti u lejn il-fqar. Il-bażi tal-karriera tiegħi nafha lill-Orsolini".* (9)

Wara l-mewt ta' l-aħwa Xeberras, ġiet akkwistata dar li kienet tmiss ma' dik ta' l-Orsolini. Bit-tkabbir li sar, il-post ħa xejra oħra. (10)

## 1924: L-Appell ta' Dun Sidor

F'appell li ħareġ għal San Ġużepp tas-sena 1924, Dun Sidor wassal tagħrif ta' storja dwar l-Orsolini. *"Il-ġid li sar jitqies minn kliem il-poplu li jissejjaħ il-leħen ta' Alla, li dejjem ibierek din l-għaqda. Dawn l-istituti ma jaqilgħu xejn u jonfqu ħafna u m'għandhomx mezzi biex iħallsu l-impjegati u jżommu din l-opra."* L-appell sar biex jitqanqlu n-nies twajba. Fix-xahar ta' San Ġuzepp, hu ttama li xi qalb ġeneruża twieġeb b'xi għotja. Hu stieden lil kulħadd biex iżuru l-istituti u jaraw b'għajnejhom l-għajnuna li tingħata lil tfal li ommijiethom kienu l-isptar jew

il-ħabs. Hu għalaq billi qal li l-impressjoni tajba li jħallulek dawn l-istituti tmiss qalb kulħadd, u tidher tassew il-ħtieġa tagħhom (13).

Dak l-appell kien meħtieġ għax l-Orsolini kienu għadhom mgħobbijin bid-dejn. Għalhekk, fil-11 ta' Novembru, 1924, hu ppreżenta supplika l-Kurja biex jitneħħa l-piż tal-quddies minn fuq art f'Tal-Qrejten li hu nnifsu kien taha lis-sorijiet. Hu ried li l-piż jintafa' fuq art mogħtija lil ħaddieħor. Biex ippropona dan, bilfors li ftehim kien sar mal-persuna li kienet se titgħabba. F'dak il-każ, il-persuna kienet ċertu Toni Psaila. Għas-sorijiet, dehret Madre Margerita Camilleri, is-Superjura Ġenerali (14).

Kollox juri li, meta kien qed joqrob biex jiċċelebra l-ħamsin sena tas-saċerdozju, Dun Sidor, kbir fl-eta` u marid, kien għadu qed jitqabad mal-ħajja, jagħmel minn kollox biex ma jintelaqx, u jaħseb kontinwament fl-opri egħżież li kien rabat qalbu magħhom. L-inkwiet tagħhom kien tiegħu wkoll. Hu kien jibki ma' min jibki. Imma hu kellu wkoll ħafna biex jifraħ għax il-faraġ għall-ġid li kien qed isir ma naqsu qatt.


Riferenzi

1. Orsolini - Żabbar, Tagħrif miktub minn sorijiet ta' dak iż-żmien.
2. Orsolini - Żabbar, Tagħrif minn Sor Annunzjata Massa.
3. Orsolini - Żabbar, Formosa - Kumm. OFM, 11/3/1924.
4. AAM, Supp, 1924, 27 ta' Awissu.
5. Orsolini - Żabbar, Ġer.E.Bonnici - Madre Margerita, 16/1/1925.
6. Orsolini - Żabbar, Formosa - Arċ. Caruana, 24/3/195, u approvazzjoni: 28/3/1925.
7. Cardona, 200; Ors. Żabbar, Tagħrif Sor. A Massa, u supplika M. Margerita - Arċ Caruana, tweġiba:P 11/7/1925.
8. Orsolini - Żabbar, Madre Madalena Vella - Arċ. Caruana, Genn, 1929.
9. ACO, Apitoli, 14/7/1929.
10. Ibid., 27/9/1931
11. ACO, Laqgħa ma' Agata Barbara, ex-president tar-Repubblika, Rabat, 27/10/1989
12. Cardona, 200
13. Ibid., 206
14. AAM, Suppl., 1924, n. 314



HOMPESCH SOCIAL CLUB

ŻABBAR

*Għal drinks ġenwini b'varjeta` ta' apetizers f'atmosfera familjari*

Il-barman Anthony Failla u l-Familja jawguraw il-festa t-tajba liż-Żabbarin kollha.